PARLAMENT TA' MALTA

**House of Representatives - Parliamentary Questions Website**

**Leġiżlatura**
XIV
**Kategorija**
ORAL
**Mistoqsija Numru:**
7926
**Data:**
10/04/2023
**Seduta:**
118 - 08/05/2023 04:00 PM
**Seduta *Interim*:**
-
**Titlu:**
Proġett tal-Powerstation tal-Gass - Rendikont tal-Pagamenti ta' dazju tas-sisa

**L-Onorevoli DARREN CARABOTT staqsa lill-Onorevoli CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol):**
Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tal-pagamenti relattivi, meta saru u minn min tħallas id-dazju tas-sisa fuq il-proġett tal-power station tal-gass? Jista' jispjega wkoll il-kalkoli ta' dawn l-ammonti mħallsa?

**Tweġiba:**
Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mill-bidu tal-operazzjonijiet, jiġifieri Frar tal-2017, sa Frar tal-2023, il-kumpanjia Electrogas Malta Ltd ħallset lid-Dwana ta' Malta t-total ta' €11,757,412 bħala Dazju tas-Sisa; u €602,389 bħala Taxxa fuq il-Valur Addizzjonali fuq l-elettriku ġġenerat mill-impjant tagħha.

Mill-bidu tal-operazzjonijiet, jiġifieri Marzu tal-2017, sa Frar tal-2023, il-kumpanija Delimara 3 Power Generation Ltd ħallset lid-Dwana ta' Malta t-total ta' €3,963,315 bħala Dazju tas-Sisa; u €346,752 bħala Taxxa fuq il-Valur Addizzjonali fuq l-elettriku ġġenerat mill-impjant tagħha.

Rigward ħlas fuq apparat, turbini, eċċ; relatati mal-bini tal-impjant innifsu, id-Dazju tas-Sisa ma japplikax.

**Dokumenti annessi mal-mistoqsija:**

**Dokumenti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra:**

**Dokumenti annessi mar-risposta:**

L-aħħar bidla: 8/5/2023 04:47:52 PM - PQ ID 3E99A06459407859C125898D00256481